MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Numru 635/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**vs**
**Kimberley Gerada**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzajoni migjuba kontra **Kimberley Gerada** ta' 16-il sena, bint Jason u Josette *nee'* Sultana, mwieleda Zabbar, fil-5 ta' Mejju, 1989, residenti Bel Sol, Court No. 1, Triq il-Gifen, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 220789M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-16 t'April, 2005, u/jew fil-jiem ta' qabel f'San Pawl il-Bahar ikkommettejt serq ta' hwejjeg ta' valur aktar minn Lm 10 u anqas minn Lm500 ghad-detriment ta' Jason u Joseph Gerada.

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra taghha ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet ukoll xhieda tal-prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat illi din il-kawza kienet inizzjata fuq kwerela tal-genituri tal-imputata li xtaqu jiehdu passi kontra t-tifla taghha wara li serqitilhom oggetti tad-deheb u bieghet l-istess minghajr il-kunsens taghhom. Illi in atti hemm esebiti l-kwerela tal-genituri kif ukoll stqarrija ta' certu Diandra Grech. Il-Qorti mhix ser tiehu konjizzjoni ta' din l-istqarrija stante li mhux permess li tkun esebita tali stqarrija ta' xhud meta dan jista' jixhed viva voce.

Wara l-istess dikjarazzjoni, l-kwerelanti irrinunzjaw ghall-kwerela taghhom;

Illi r-rejat addebitat kontra l-akkuzata huwa wiehed li jehtieg il-kwerela tal-parti offiza ai termini tal-artikolu 332 tal-Kap 9. Issa, la darba din il-kwerela kienet irtirata, l-azzjoni kontra l-imputata ma tistax titmexxa 'l quddiem.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tillibera lill-imputata u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------